# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 2 ta' Lulju 2001**

**Avviz. numru 981/00**

**Numru 37**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Mario Grech u martu Tania Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u tmienja u ghoxrin lira (Lm928) rappresentanti import ta' tmien (8) kambjali ta' Lm116 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 1999 sa Lulju 2000 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numru minn 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax kummercjali mill-iskadenza tal-kambjali li sat-30 ta' Gunju 2000 jammontaw ghal Lm238 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament

effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet a fol 2 sa fol 8 tal-istess atti u enumerati minn 1 sa 8;

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fid-19 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm928.00,0 oltre Lm238.00,0 bhala imghax legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala esebita in atti sat-30 ta' Gunju 2000 kif ukoll l-imghax legali ulterjuri mill-ewwel (1) ta' Lulju 2000 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg